MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 156/2004

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-20 ta' Ottubru 1968 (Dok. A);

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba li l-konvenut rrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi, theddid, u ingurji gravi versu l-attrici;

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet flimkien saret impossibli htija esklusiva tal-konvenut, u b'hekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

Premess illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni kontenzjuza permezz ta' Digriet tas-Sekond' Awla numru 1697/1999, hawn anness bhala dokument 'B', permezz ta' liema Digriet il-konvenut gie ordnat jirrilaxxja d-dar konjugali filwaqt li l-attrici giet awtorizzata tibqa' tirrisjedi hemm.

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort uniku tal-konvenut, u ghall-finijiet ta' l-Artikolu 48(C) tal-Kodici Civili tistabilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha *a mensa et thoro*;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti skond Artikolu 55 tal-Kodici Civili;

4. Tillikwida u taqsam il-beni kollha li jikkostitwixxu l-komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg porzjonijiet, wiehed li jigi assenjat lill-attrici u wiehed li jigi assenjat lill-konvenut, u dan skond kif din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa fid-dawl ta' l-Artikolu 48 subinciz (1)(c) u ta' Artikolu 53 tal-Kodici Civili;

5. Tawtorizza lill-attrici tirriprendi l-pussess tal-beni parafernali taghha;

6. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-rata ta' manteniment li jidrilha xierqa ghaliha a tenur ta' Artikolu 54 tal-Kodici Civili, liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga u sussegwentement mill-pensjoni tal-konvenut.

7. Tiddikjara li l-konvenut ddekada mid-drittijiet tieghu elenkati f'Artikolu 48 subinciz (1) tal-Kodici Civili, u dan bl-applikazzjoni ta' Artikolu 51 ta' l-istess Kodici Civili;

8. Tordna lill-konvenut jibqa' jirrisjedi barra mid-dar konjugali u tawtorizza lill-attrici biex ai termini ta' Artikolu 55A tal-Kodici Civili tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali li ggib l-indirizz 143, St. Albert Street, Gzira.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluzi dawk tas-Sekond' Awla, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat l-affidavit ta' l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha in bazi ghal dak kontemplat fl-Artikolu 40 tal-Kap.16 imputabbli esklussivament lill-konvenut.

Il-partijiet izzewwgu fl-20 ta' Ottubru 1968 meta l-attrici allura kellha 20 sena u l-konvenut 22 sena; u minn dan iz-zwieg twieldu tlett it-tfal li llum huma maggjorenni.

Milli provi mhux kontradetti rrizulta li tul il-hajja matrimonjali l-konvenut kien xhih ma' l-attrici u kien ihalliha tfendi ghar-rasha biex tlahhaq ma' l-ispejjez ghat-trobbija ta' uliedhom. Konsegwentement din kienet tistrieh fuq l-ghajnuna ta' ommha u biz-zmien kellha tmur tahdem man-nies biex tmantni l-familja taghha. Sadanittant il-konvenut kien qabad il-vizzju tax-xorb u kien jigi d-dar fis-sakra u okkazzjonalment kien juza vjolenza fuq l-attrici li ghalhekk kienet tibza' minnu. Il-problema f' dan iz-zwieg kienet fi kliem l-attrici "nuqqas ta' flus, xorb zejjed u vjolenza." [fol.10].

F’ xi zmien wara l-mewt ta’ ommha, l-attrici marret tghix mat-tfal taghha fid-dar li kienet mikrija lill-ommha, li inizjalment is-sid taghha kien qaleb il-kera fuq isem il-konvenut, izda sussegwenement, peress li dan ma kienx ihallas il-kera u kienet thallsu l-attrici, is-sid kien dawwar il-kera fuq isimha.

Fl-affidavit taghha l-attrici tghid li l-Qorti kienet ordnat li l-konvenut jallontana ruhu mid-dar konjugali, kif jirrizulta mill-kopja tad-digriet relattiv annessa ma’ l-att tac-citazzjoni; u li minn dak in-nhar l-14 ta’ Dicembru 1999 hija ma ratux izjed, u lanqas kien gie jara lit-tfal. Manteniment ma tahiex. Hija tghid li ma tafx jekk il-konvenut huwiex qieghed jahdem jew le.

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza l-fattur ta’ sevizzi da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici u dan ghal zmien twil li kissru rrimedjabbilment il-hajja konjugali bejn il-partijiet; tort unikament tal-komportament abusiv tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tiddikjara s-separazzjoni bejn il-partijiet ghar-ragunijiet attribwibbli esklussivament lill-konvenut; u tawtorizza lill-attrici tghix separata minn ma’ zewgha;

[2] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti mill-ahhar ta’ Dicembru 1999, u li din tikkonsisti, fl-inkwilinat tad-dar konjugali u fil-ftit mobbli li l-attrici kienet xtrat mill-qligh tax-xoghol taghha. Ghaldaqstant b’ applikazzjoni ta’ l-Artikolu 48[c] tordna li sehem il-konvenut minn dawn il-mobbli jigi assenjat lill-attrici; tordna wkoll li kwalsiasi dejn li seta’ gie kkuntrattat minn xi wiehed mill-partijiet matul iz-zwieg jibqa’ a kariku esklussiv ta’ min ikun ikkuntrattah;

[3] tichad il-hames talba stante li ma giex provat li l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu xi oggetti parafernali appartenenti lill-attrici;

[4] tafferma d-dritt ta’ l-attrici li titlob manteniment minghand il-konvenut, stante l-htija tieghu ghal firda personali ta’ bejniethom; izda rebus sic stantibus tastjeni milli tiffisssa retta alimentarja stante li ma giex provat jekk il-konvenut hux qed jahdem fil-prezent; izda tordna li fil-kaz li huwa jircevi xi beneficju jew assistenza socjali huwa ghandu jghaddi lill-attrici nofs l-ammont percepit minnu mensilment; u ma’ l-eta ta’ l-irtirar, nofs il-pensjoni percepita minnu kull xahar ghandha tigi moghtija lill-attrici – liema ammonti ghandhom jinqatghu direttament mill-beneficju jew mill-pensjoni mid-dipartiment koncernat u mibghuta lill-attrici;

[5] b’ referenza ghal Artikolu 51 tal-Kap.l6, tapplika fil-konfront tal-konvenut in toto d-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 48;

[6] tawtorizza lill-attrici tibqa’ tirrisjedi fil-fond numru 143 St.Albert Street, Gzira ad eskluzjoni tal-konvenut;

L-ispejjez kif mitluba a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------